MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru. 855/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Jonathan Psaila**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jonathan Psaila detentur tal-karta tal-identita` numru 340990(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar l-1 ta' Settembru 2013 ghal habta ta' bejn il-11:00pm u 11:55pm waqt argument gewwa l-Kazin tal-Banda ta' San Mikiel, Zabbar, volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi lil Annalise Mifsud u/jew xi persuna/i ohra, hekk kif iccertifikat minn Dr Eddie Shaffu tal-Isptar Mater Dei;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hebb ghal persuna ta' Simon Camilleri u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt ta' ferita gravi liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, waddab u/jew qabad arma/i ohra kontra Simon Camilleri u/jew persuna/i ohra;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni fejn f'kaz ta' sejbien ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata;

Rat ukoll it-talba tal-prosekkuzjoni sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Rat li l-imputat ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-artikoli tal-Avukat Generali li bihom ihoss li tista' tinstab htija taht l-Artikoli:

17, 31, 382A, 383, 384, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

214, 216 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

339(1)(d), 41(1)(b), 214, 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet li l-imputat ta' l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara li nqraw l-Artikoli;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz li semghet ix-xhieda kollha inkluz dawk tad-difiza; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta fuq griehi gravi subiti minn Annalise Mifsud, liema griehi gew allegatament inflitti mill-imputat nhar it-tnejn (2) ta’ Settembru 2013 fil-kazin tal-banda ta’ San Mikiel go Haz Zabbar. Illi minn stharrig li sar mill-pulizija, hareg illi kien hemm argument gewwa dan il-kazin fejn intortament dahlet fin-nofs Annalise u fejn giet milquta f’ghajnejha permezz ta’ daqqa ta’ flixkun.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi huwa kien gewwa l-kazin meta ra lil certu Simon Camilleri maghruf bhala l-kurun li xi ftit ta’ zmien qabel kien ittantalu t-tfajla tieghu. Hu ddecieda li jaffrontah meta fil-pront dan Simon tah daqqa ta’ ponn u lill-imputat daru ghalih tliet minn nies. L-imputat ammetta illi sab xi flixkun fuq xi mejda li waddbu ghal xi hadd izda ma jafx x’gara minnu.

Xehed **Silvio Mifsud** li hu missier Annalise Mifsud li kien fuq il-post ma’ bintu fejn kienu qeghdin jizfnu u meta ra lil Simon u lil xi ragel iehor jiggieldu, hu mar biex iferraq u mbaghad sab lit-tifla tieghu b’farret hdejn ghajnejha izda dan ma jafx biex u min ghamilielha.

Xehed ukoll **Jean Paul Mifsud** li ukoll ra kollox u li qal ***“konna qeghdin fir-rokna gol-kazin ta’ San Mikiel. . . . Fil-bitha fir-rokna konna u f’daqqa wahda rajna lil Jonathan gej b’rabja kbira qisu b’argument ma’ Simon u***

***fil-pront qabad il-flixkun u kif gholla jdejh biex igara l-flixkun sab lil ohti u fethilha hawnhekk.”***

Xehdet ukoll **Annalise Mifsud** li kkonfermat li l-imputat kellu xi jghid ma’ Simon u hi tghid illi rat lill-imputat ixejjer flixkun u fil-pront laqat lilha. Hi tghid illi l-imputat ma lahaqx waddbu l-flixkun meta laqatha.

Xehdu wkoll **Simon Camilleri** u **Glendwick Meilaq** li kkorroboraw pjenament dak li xehdet il-vittma Annalise Mifsud.

Ghad-difiza xehdu missier l-imputat, l-gharusa tal-imputat Jonathtan Psaila.

**Christina Mangion** li tigi l-gharusa tal-imputat xehdet illi hija rat lil Annalise taqa’ mal-art u marret biex tghina. Rat ukoll lil Simon, Doniom Glendwick u missier Annalise jigru ghal fuq Jonathan u bdew ituh kemm il-darba.

**John Psaila** li jigi missier l-imputat u li ma kienx prezenti waqt l-incident, izda li rah meta mar id-dar wara l-incident u hadu l-Polyclinic ghaliex kellu xi wgiegh. Johnatan kien qallu li kienu daru ghalih gewwa l-kazin, u fil-fatt seta’

jaralu xi daqqiet fuq wiccu u xi griehi ohra fuq gismu. Ix-xhudipprezenta numru ta’ ritratti li jinsabu minn fol 113 sa fol 121.

Illi gie kkonstatat u mhux ikkontradett illi l-imputat Jonathan Psaila kien ser imur jaffronta lil certu Simon Camilleri peress li xi zmien qabel kien ittantalu t-tfajla tieghu. Illi fuq dak li gara wara hemm zewg verzjonijiet kontradicenti bejn dak li qalu x-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe’ il-hbieb u familjari tal-vittma Annalise Mifsud u dawk tad-difiza.

Illi xi haga ohra li mhix kontradetta hi li waqt il-glieda Jonathan xejjer flixkun u li fil-fatt laqat lil Annalise. Jonathan fil-fatt ma riedx jolqot lil Annalise sija jekk titwemmen il-verzjoni tal-prosekuzzjoni u anke’ jek titwemmen it-tezi tal-imputat. Ghalhekk l-akkuza ta’ griehi volontarji fuq il-persuna ta’ Annalise Mifsud qatt ma tista’ tigi milqughha ghaliex semmaj, anke’ jekk l-imputat ried jolqot lil xi hadd, din certament ma kinitx l-istess Annalise izda forsi Simon jew dawk il-persuni li daru ghal fuqu.

Illi fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti temmen il-verzjoni tal-imputat fejn huwa qal li kien xejjer il-klixkun wara li daru fuqu l-irgiel u mhux necessarjament biex jolqot lil Simon.

Illi a rigward it-tieni akkuza, il-Qorti setghet tikkonstata ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu u cioe' ***" . . .dan Simon kien qabad il-parti privata tat-tfajla tieghi u meta kellimtu dak il-hin kien qalli li hi kienet taghtu wicc izda jien kont naf li ma kien veru xejn. Il-bierah meta mort fuqu biex nistaqsih ghalfejn kien ghamel hekk dak in-nhar, Simon hares bl-ikrah lejja u jien tghajtu daqqa ta' harta".***

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 533, 214, 216 (1)(b), 339(1)(d), 41(1)(b), 214, 216 u 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Jonathan Psaila hati biss tat-tieni (2) u r-raba' (4) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------